MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 26/2011

Kawza fil-lista: 41

**A B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu fis-27 ta’ Lulju 1997, u f’dan iz-zwieg twieldet tifla wahda; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet, kif ukoll li tigi awtorizzata tirregistra s-sentenza fir-Registru Pubbliku; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha jeccepixxi li r-responsabbilita' ghan-nullita' hija taz-zewg partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-27 ta' Lulju 1997 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jaqbel li z-zwieg huwa null, izda qed jikkontesta l-ispejjez.

**Il-Fatti**

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-27 ta' Lulju 1997 meta allura l-attrici kellha 25 sena u l-konvenut kellu 24 sena, u wara li kienu ilhom johrogu flimkien circa 5 jew 6 snin u minn dan iz-zwieg twieldet tifla wara li kienu ilhom mizzewgin madwar 3 snin.

Jirrizulta li ghalkemm il-partijiet kienu gejjin minn sfond socjali u kulturali differenti huma integraw iz-zewg dinjiet taghhom f'wahda, tant li l-attrici stqarret dan hi stess u kienet tmur tghin lill-zewgha l-konvenut fuq ix-xoghol ukoll.

Illi ma jidhirx li kien hemm problemi fil-hajja intima taghhom, ghajr li l-konvenut jilmenta li martu l-attrici kienet xi mumenti bierda u dejjem irid javvicinaha hu, pero l-att konjugali kien isir xorta madwar 3 darbiet fil-gimgha, barra l-fatt li l-attrici stqarret li gieli kienet hi ukoll li avvicinat lill-konvenut.

Jidher li l-problemi ta' bejn il-partijiet bdew fit-tqala ta' l-attrici  u komplew b'mod li l-partijiet allontanaw irwiehhom

minn ma' xulxin sakemm dan iz-zwieg spicca. Di fatti ghad ghandhom relazzjoni tajba sa llum.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi f' dan il-kaz il-Qorti ma ssibx li hemm ebda bazi sabiex dana z-zwieg jigi annullat u dana minhabba l-fatt li l-partijiet kellhom l-eta' taghhom meta zzewgu u kienu ilhom flimkien madwar 5 jew 6 snin qabel z-zwieg. Wara 3 snin ta' hajja mizzewga kellhom tifla. Qabel it-tqala ta' l-attrici jidher li ma kienx hemm problemi serji li jaghtu lok ghall-annullament ta' dana z-zwieg.

Illi jidher li d-differenzi ta' bejniethom kienu jafu jghixu serenament bihom sa ferm wara z-zwieg fil-fatt kien biss fit-tqala ta' l-attrici li dbew jidhru l-ewwel sinjali ta' problemi bejn il-koppja li wasslu sabiex ma jibqux flimkien. Tali differenzi ma kienux ta' natura li jivvizzjaw il-kunsens tal-partijiet tant li jimpingi fuq id-diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew b'xi mod eskludew iz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici mhumiex gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u ma jimmeritawx li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad t-talbiet attrici.

L-ispejjez ikunu a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------